MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 91/2003/1

**Joseph, Evangelista *sive* Yvonne, Emanuel, Anthony, Carmelo, George, Anna mizzewga Coreschi lkoll ahwa Mallia fil-kapacita` taghhom bhala l-legittimi eredi tal-mejta Emanuela u George konjugi Mallia**

**vs**

**JD Lifts Supplies Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Frar, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fit-13 ta' Frar, 2003, fejn talbu lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' danni sofferti mill-atturi konsistenti u skond ir-rapport anness u mmarkat bhala Dokument 'EM1' u

dana minhabba illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tpoggi lift ghall-wheelchair fil-fond bl-isem ta’ ‘Melita House’, Triq J. Borg, Msida sad-data miftehma u/jew skond is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi.

Bl-ispejjez, u bl-imghax, kontra rapprezentanti, diretturi u mpjegati tas-socjeta’ konvenuta li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Gie dikjarat illi l-ammont mitlub ma jeccedix is-somma ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000).

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom ghaliex:
a. L-avviz sar sempliciment sabiex l-atturi jippruvaw jevitaw milli jhallsu l-bilanc ta’ elf, erba’ mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,477.95) li ghadu dovut minnhom lill-istess socjeta’ konvenuta ghax-xoghol in kwistjoni u dana oltre d-danni dovuti mill-istess atturi lis-socjeta’ konvenuta u ghal liema bilanc u danni qeghda hawn taht issir ir-rikonvenzjoni ta’ l-istess atturi;
b. Kwalunkwe dewmien li seta kien hemm kien unikament dovut ghall-agir ta’ l-atturi – b’mod specjali Joseph Mallia – u dana kif jigu ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
c. Id-dewmien allegat m’huwa b’ebda mod imputabbli lis-socjeta’ konvenuta u l-atturi ma sofrew l-ebda dannu, izda hija l-istess socjeta’ konvenuta li sofriet dannu minhabba l-agir abbuziv ta’ l-atturi;

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontrotalba tas-socjeta’ J D Lifts Supplies Limited:

1. Peress illi l-atturi nkarigaw lis-socjeta’ esponenti sabiex tinstalla ‘wheelchair lifting platform’ gewwa l-fond “Melita House”, Triq J. Borg, Msida – ir-residenza tal-genituri ta’ l-atturi;

2. Peress illi s-socjeta' konvenuta mill-bidu nfurmat lill-atturi illi kellu jsir xi bdil/modifikazzjoni tal-poggaman tat-tarag tal-fond in kwistjoni;
3. Peress illi l-atturi ma hallewx lis-socjeta' konvenuta jimmodifikaw il-poggaman skond il-bzonn u mill-bidu nett u matul ix-xoghol kollu ghamlu minn kollox – b'mod specjali Joseph Mallia – sabiex jimpedixxi lill-istess konvenuti milli jahdmu u jfixkluhom fl-istess xoghol billi tawhom nformazzjoni zbaljata dwar certi oggetti, hbewlhom parti mill-materjal, indahlulhom f'xogholhom u sahansitra baghbsu xi partijiet li tlestew minnhom u diversi drabi wkoll keccew u waqqfu l-impjegati taghhom;
4. Peress illi dan l-agir ta' l-atturi kien ta' dannu kbir ghas-socjeta' konvenuta ghaliex ikkaguna dewmien a detriment ta' l-istess socjeta' konvenuta;
5. Peress illi wkoll l-atturi ghadhom debituri lejn is-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' elf, erba' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,477.95) dovut minnhom lilhom bhala bilanc ta' somma akbar u dan kif jirrizulta mill-anness dokument 'X'; u
6. Billi s-socjeta' konvenuta talbet lill-atturi rikonvenuti sabiex ihallsu l-bilanc fuq imsemmi u jaslu ghal-likwidazzjoni tad-danni dovuti lilhom kif fuq imsemmi u l-istess atturi baqghu inadempjenti, anzi pprezentaw l-avviz fl-ismijiet fuq imsemmija.

Jghidu, ghalhekk l-atturi rikonvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tordna lill-istess atturi sabiex ihallsu lis-socjeta' J D Lifts Supplies Limited s-somma ta' elf, erba' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,477.95) dovut bhala bilanc kif fuq imsemmi;
2. Tordna lill-istess atturi sabiex ihallsu lill-istess socjeta' konvenuta d-danni sofferti minnhom minhabba l-agir ta' l-atturi u li jigu likwidati waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet realttivi kontra l-atturi rikonvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet tal-kompetenza, gie dikjarat illi l-ammont mitlub fil-kontrotalba ma jeccedix is-somma ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-atturi ghall-kontrotalba tas-socjeta’ konventua fejn eccepew:

1. Illi l-pretenzjonijiet tal-konvenut rekonvenzjonat huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi kif ser jigi ppruvat, ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u ma sarx fit-termini miftiehma ghar-ragunijiet imputabbli solament lill-konvenut;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda l-installazzjoni mis-socjeta’ konvenuta ta’ *‘platform lift’* fil-fond ta’ l-atturi “Melita House”, Triq J. Borg, Msida. L-atturi qeghdin jghidu li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u s-socjeta’ konvenuta tghid illi x-xoghol ma tlestix minhabba nterruzzjonijiet kontinwi minn naha ta’ Joseph Mallia, li pogga ostaklu wara l-iehor sabiex is-socjeta’ konvenuta ma tkun f’posizzjoni li tesplita’ l-inkargu lilha moghti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li permezz ta’ kuntratt tat-28 ta’ Frar, 2002 (fol. 25) is-socjeta’ konvenuta kienet intrabtet li fi zmien sitt xhur tibni fil-fond ta’ l-atturi ‘*platform lift*’ ghall-*wheelchair*, illi kellu jigi wzat minn omm l-istess atturi. Is-socjeta’ konvenuta bdiet tesegwixxi dan l-inkarigu, wara li saru zewg hlasijiet ta’ depozitu wiehed ta’ elf, erbgha mija u hamsin lira Maltin (Lm1450) u l-iehor ta’ elf, hames mija u ghoxrin lira Maltin (Lm1520).

Waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol, jidher illi kien hemm xi disgwid bejn il-partijiet, peress illi kellhom isiru xi

alterazzjonijiet fit-tarag biex jigi akkomodat il-*platform*. Dawn l-alterazzjonijiet jidher illi ma kienux a sodisfazzjon ta' l-atturi, specjalment ta' l-attur Joseph Mallia, illi jidher li pogga hafna ostakoli lis-socjeta' konvenuta sabiex tkun tista' tkompli bl-inkarigu lilha moghti. Il-problemi kienu jirrigwardaw it-tarag ta' l-irham, kif ukoll il-poggaman. Jidher illi dawn sofrew hsarat konsiderevoli u l-Perit Amadeo Mifsud, b'rapport illi ghamel u esebit a fol. 49, iddeskriva l-hsara bhala wahda esagerata ghal dan it-tip ta' xoghol. Barra minn hekk, il-kejl li ghamlet is-socjeta' konvenuta ma kienx korrett. Ikkonstata wkoll li bhala fatt l-i*stair lift* ma kienx jaqbel ezattament u ma kienx jiffittja mall-poggaman in kwistjoni.

David Dimech, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta xehed in extenso u spjega kif ta' spiss kien isib interruzzjonijiet minn naha ta' Joseph Mallia li kienu jimpeduh milli jesegwixxi x-xoghol sew. Ghal dawk illi huma l-qisien, Dimech ha l-qisien tieghu u rrizultalu illi kienu simili hafna ghal dawk illi tahom Joseph Mallia. Spjega illi l-lift kien wiehed *custom made* ghall-post in kwistjoni u li l-*platform* kien l-akbar wiehed li possibilment seta' jitpogga f'dawk ic-cirkostanzi.

Filwaqt illi x-xoghol huwa kwazi lest, qatt ma ntaghta permess sabiex joltera l-poggaman. Fil-fatt, jikkonferma illi l-lift qieghed fil-post, tlesta u kulma kien fadal kien biss alterazzjoni fil-poggaman u s-*support brackets*, liema xoghol ma thallix isir. Illum, il-lift ghadu fil-pussess ta' l-atturi u fil-kontrotalba taghha, s-socjeta' konvenuta qeda titlob il-hlas tal-bilanc ta' elf, erba' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,477.95), oltre d-danni nkorsi mill-istess socjeta' konvenuta kawza ta' l-attitudni ta' Joseph Mallia.

Irrizulta wkoll illi l-platform ma kienx kbir bizzejjed biex joqghod il-*wheelchair* illi kellha tuza omm l-atturi.

Ikkunsidrat:

Hu ovvju illi bejn Joseph Mallia u David Dimech hemm skontru ta' personalita' u l-pika bejnithom tant kibret, illi

llum mhux possibbli li jintlahaq ftehim bejnithom. Ghalhekk, is-sitwazzjoni hi, illi l-atturi hallsu depozitu qawwi ghall-installazzjoni ta’ lift, liema nstallazzjoni tqieghed, imma mhuwiex operanti, parti dovuta ghall-interruzzjoni ta’ Joseph Mallia, imma aktar importanti ghan-nuqqas ta’ professjonalita’ minn naha tas-socjeta’ konvenuta.

Il-Qorti ssib illi minkejja l-argumenti kollha tas-socjeta’ konvenuta, l-fatt li l-*platform* ma kienx kbir bizzejjed sabiex jiehu l-*wheelchair* ta’ omm l-atturi, jinnega kwalunkwe argument li tista’ ggib is-socjeta’. L-iskop kollu ta’ l-ezercizzju kien it-trasport tal-*wheelchair* mill-ambjenti ta’ isfel ghas-sulari ta’ fuq. Jekk il-*wheelchair* ma kienx ser joqghod fuq il-*platform*, *custom designed* kemm kien, u anki jekk kien l-akbar wiehed possibbli illi seta’ jigi nstallat f’dawk l-ambjenti, x-xoghol kien ser ikun kollu ghal xejn. Anki kieku ma kienx hemm il-problemi mill-bidu nett bejn il-partijiet, rigward il-qisien u kif ser jigi esegwit ix-xoghol, il-fatt illi l-*platform* ma kienx ser ikun kbir bizzejjed, allura dan kellu mill-ewwel jingieb a konjizzjoni ta’ l-atturi u s-socjeta’ konvenuta ma kellix tesegwixxi x-xogholijiet.

Jidher illi s-socjeta’ konvenuta bdiet tiehu l-kejl u tesegwixxi x-xogholijiet minghajr ma l-ewwel assikurat li l-iskop finali ta’ dawk ix-xogholijiet seta’ jigi attwat. David Dimech stess jghid li l-*wheelchair* qatt ma rah, u qatt ma gie moghti l-qisien tieghu (fol. 99). Ikompli jghid li l-kwistjoni tal- *wheelchair* giet aktar tard.

Il-Qorti ssib illi dan huwa inaccettabbli. Bhalma gia nghad, l-iskop kollu ta’ dan l-esercizzju kien it-trasport tal-*wheelchair* mill-entrata ghas-sular ta’ fuq, u jekk dan ma setax isir bil-mod propost mis-socjeta’ konvenuta, allura din il-kwistjoni kellha tqum mill-bidu nett u mhux aktar tard. David Dimech jirrikonoxxi li l-*wheelchair* kien wiehed *standard size* u jghid aktar tard, “Lill-attur kont ghidtlu li bhala *standard size* ta’ *wheelchair*, il-*platform* kien ser ikun zghir wisq. Pero’ dik kienet il-massimu li possibilment stajna naghmlu f’dawk ic-cirkostanzi. Kienet decizjoni ta’ l-attur ikomplix bix-xoghol jew le” (fol. 100). Apparti l-fatt li hawn jirrizulta certa kuntrast b’dak illi qal

aktar qabel meta semma li l-kwistjoni tal- *wheelchair* giet aktar tard, tali decizjoni kienet tispetta lill-atturi biss meta kellhom l-informazzjoni teknika kollha a dispozizzjoni taghhom kif is-socjeta' konvenuta kellha l-obbligu li tipptezenta.

Il-fatt illi s-socjeta' konvenuta bdiet tesegwixxi x-xogholijiet minghajr ma hadet in konsiderazzjoni l-qisien tal-*wheelchair* mill-bidu nett, jidher illi hemm nuqqas ta' professjonalita' kbira minn naha ta' din l-ahhar socjeta'. Huwa mmaterjali li l-*platform* supplit kien l-akbar wiehed li possibilment seta' joqghod f'dawk l-ambjenti. Jekk dan ma kienx tajjeb ghall-iskop illi ghalih kien intiz, ma jiswa' ghal xejn, u x-xoghol esegwit mis-socjeta' konvenuta kien ser ikun xejn ghajr hela ta' zmien, rizorsi u flus.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri fit-12 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet Muscat vs Falzon, il-Qorti qalet li kuntrattur qabel ma jindahal ghal bicca xoghol ghandu jkollu l-kapacita' teknika mehtiega (Vol. XLII P1, p 517). "Ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u jekk jaghmel ix-xoghol hazin lanqas ma hu eskluz mir-responsabbilita' minhabba l-fatt li hu jkun qaghad fuq dak li ried il-kommittent, u jibqa' responsabbli l-istess jekk qabel ma beda' x-xoghol ikun jista' jkun jaf li fil-materja li fuqha kien ser jahdem kien hemm xi mankament u li quindi x-xoghol kien inutli." - De Carlo vs Cumbo Appell Kriminali 6 ta' Frar, 1956 Vol. XL P1 p 485 – "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizzievoli alla solidita' e contrari alle buone regole delle arte." (Vella vs Agius, Appell Inferjuri 7 ta' April, 1923).

Ghalhekk, qal x'qal l-attur Joseph Mallia u l-attitudni tieghu versu s-socjeta' konvenuta, din ta' l-ahhar bhala socjeta' teknika f'materja esklussivament teknika kellha tkun f'posizzjoni illi tkun taf li hija tista' tesegwixxi x-xogholijiet skond l-arti u s-sengha. Dan kien jinkonbi fuqha l-obbligu l-ewwel nett li tara li l-*platform* li kien ser jigi nstallat f'dak il-fond ta' daqs, liema daqs kien, kellu jkun kbir bizzejjed biex igorr il- *wheelchair* fuqu. Dan kien l-uniku skop ta' l-ezercizzju ntavolat mis-socjeta'

konvenuta. La dan ma setax isir minhabba n-nuqqas ta' l-istess socjeta' konvenuta, allura m'ghandha l-ebda dritt tithallas ghax-xoghol taghha.

F'kawza deciza mill-Qorti tal-Magsitrati fl-ismijiet Galea vs Meli fil-21 ta' Mejju, 2003, irrizulta li xogholijiet maghmula mill-atturi ma sarux skond kif gie patwit mill-konvenuti u lanqas ma tlestew fl-intier taghhom u ma gewx mahduma skond l-arti u s-sengha, fejn lanqas ma gew uzati materjali idonei, il-Qorti sabet li l-atturi ma ghandhom l-ebda dritt jippretendu li jithallsu l-prezz ta' l-appalt li jghandu jitqies bhala li ghadu mhux kompletat.

Dana wkoll hu proprju dak illi gara f'dan il-kaz. Ix-xoghol gahdu mhux ikkompletat, kif irrikonoxxa l-istess David Dimech. Pero' jekk dana kienx dovut ghal xi nuqqas tas-socjeta' konvenuta jew ta' l-attur Joseph Mallia, huwa f'dan l-istadju mmaterjali. La rrizulta nuqqas ta' professjonalita' kbira minn naha tas-socjeta' konvenuta meta ma haditx in konsiderazzjoni l-aktar punt principali u importanti fl-esekuzzjoni ta' dan l-appalt, u cioe' l-qies tal-*wheelchair.*

Ghalhekk f'dan l-istadju, s-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda dritt titlob ghall-ammont bilancjali ta' elf, erba' mija u sebgha u sebghin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm1,477.95). Pero' minn naha l-ohra ghandha dritt illi tiehu lura l-istallazzjoni kollha li hemm fil-fond ta' l-atturi.

Ghal dawk illi huma d-danni reklamati mill-atturi, rrizulta illi huwa minnu illi saret hafna hsara fl-irham tat-tarag, liema hsara ma tistax tigi msewwija u l-irham kollu jrid jigi rimprezzat, biex ma jinghad xejn dwar il-hsara maghmula lill-poggaman.

Fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet taghhom, irrizulta illi t-talba ta' l-atturi tikkonsisti fil-hlas lura tad-depoziti maghmula, kif ukoll tmien mitt lira Maltin (Lm800) f'danni lit-tarag. Ladarba s-socjeta' konvenuta ma kinitx professjonali fil-qadi ta' l-obbligazzjonijiet taghha, u lanqas ma esegwit ix-xoghol skond l-arti u s-sengha, jidhirha li tali talba hija

gustifikata, aktar u aktar meta tqies illi s-socjeta' konvenuta ghandha dritt illi tiehu lura l-installazzjoni effettwata.

Ghalhekk, ghal dawk illi huma d-danni, il-Qorti jidhrilha li l-atturi ghandhom raguni jitolbu lura d-depoziti minnhom imhallsa, kif ukoll it-tmien mitt lira Mlatin (Lm800) danni kkawzati fil-proprjeta' taghhom.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi filwaqt li tichad il-kontrotaba tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-atturi s-somma ta' elfejn, disa' mija u sebghin lira Maltin (Lm2970) bhala rifuzjoni ta' depoziti mhallsa u tmien mitt lira Maltin (Lm800) danni kaguni lill-proprjeta' ta' l-atturi, b'kollox l-ammont ta' tlett elef, seba' mija u sebghin lira Maltin (Lm3770) u dana perress illi s-socjeta' konvenuta naqset li tesegwixxi skond l-arti u s-sengha u b'mod professjonali lift ghall-*platform* ta' *wheelchair* fil-fond bl-isem ta' "Melita House", Triq J. Borg, Msida.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data ta' din is-sentenza kontra s-socjeta' konvenuta."

Il-kontestazzjoni principali tas-socjeta` konvenuta fl-appell minnha introdott fir-rigward tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti appena riprodotta hi diretta kontra l-apprezzament tal-provi li sar minn din il-Qorti. Hi tilmenta mir-ragonament maghmul fil-parti razzjonali tas-sentenza, li permezz tieghu giet addossata fuqha l-kolpa ghall-ezekuzzjoni inezatta ta' l-installazzjoni tal-*platform lift* u ghar-ritard fl-istess ezekuzzjoni. Tikkontendi illi l-kwestjoni tal-qies tal-*wheelchair* ta' omm l-atturi ghal liema kien intiz l-*lift* qatt ma kienet in diskussjoni u li l-animu wara l-proposizzjoni ta' l-azzjoni da parti ta' l-atturi kien dak li huma johorgu mill-ftehim wara l-mewt ta' ommhom. Barra minn dan is-socjeta` konvenuta appellanti tikkwerela wkoll l-ammont tad-danni likwidati mill-Qorti, minghajr assistenza ta' perizja teknika u tal-provi konkreti;

Kif jirrizulta mill-atti f' dan il-kaz il-kontendenti jattribwixxu lil xulxin inadempjenza reciproka. Fil-kaz ta' l-atturi l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta hi skond l-avviz maghmula tikkonsisti fid-dewmien u fid-difformita ta' l-opera ezegwita. Minn naha l-ohra, bil-kontro-talba taghha, is-socjeta` appellanti tippretendi l-hlas ta' danni konsistenti f' pagi zejda u xoghol extra minhabba allegat tfixkil mill-atturi fil-kors ta' l-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet da parti taghha. F' qaghda bhal din il-Qorti jokkorrilha tipprocedi ghal valutazzjoni komparattiva tal-kondotta tal-kontendenti, mehud rigward tar-rapport ta' kawzalita` u tal-proporzjonalita` bejn iz-zewg inadempjenzi. Dan bl-iskop li jigi determinat jekk, in bazi ghall-entita` oggetiva ta' l-inadempjenzi, l-wahda tekwivalix ghall-ohra jew, invece, jekk tipprevalix fuq l-ohra. Mhux dan biss pero`. F' din l-istess valutazzjoni l-Qorti trid tiehu kont mhux biss ta' l-obbligazzjoni principali tal-kuntratt ta' ftehim imma wkoll dawk l-obbligazzjonijiet sekondarji li l-kontraenti jkunu qisuhom bhala essenzjali;

Jinghad a propositu f' dan il-kuntest mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni** illi, "*in caso di inadempienza reciproca in un contratto a prestazioni corrispettive, il giudice, per stabilire la sussistenza dell' inadempimento determinato a carico di uno dei contraenti non puo` limitarsi ad esaminare il comportamento di una sola delle parti, ma deve procedere ad una valutazione unitaria della condotta di entrambi i contraenti per accertare gli inadempimenti reciprocamente lamentati dalle parti ed apprezzarne l' effettiva gravita` ed efficienza causale rispetto alla finalita` economica complessiva del contratto, nonche la conseguente influenza sulla sorte del medesimo*" (**7 ta' Novembru 2000, Numru 11784**);

Jidher mill-korp tas-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti ghamlet dan l-ezercizzju komprattiv fl-apprezzament taghha tar-rizultanzi probatorji tant li ma naqsetx milli taccenna ghall-element ta' pika anke fl-atteggjament ta' l-

attur Joseph Mallia. Atteggjament dan li jista' wkoll jinghad dwaru li ta lok ghal certu dewmien. Jibqa' l-fatt illi, kif jirrizulta wkoll mill-istess sentenza, il-kwestjoni centrali ma kienetx din imma l-fatt ta' l-ezekuzzjoni hazina u mhux skond l-arti u s-sengha da parti tas-socjeta` appellanti;

Bla dubju, meta xi hadd jintraprendi xoghlijiet huwa jitqies, in bazi ghar-regoli ta' l-arti, responsabbli mill-vizzji fl-opra minnu ezegwita. Dan sakemm hu ma jurix li kien strument passiv f' idejn il-kommittent li inkarigah biex jaqdi l-istruzzjonijiet ta' dan jew minhabba xi event fortuwitu. Jinsab in effetti ritenut illi "*il debitore, ancorche, è condannato, se vi è luogo, al risarcimento dei danni tanto per l' inadempimento dell' obbligazione, quanto pel ritardo dell' esecuzione, qualora egli non prova che l' inadempimento o il ritardo sia pervenuto da una causa estranea non imputabile a lui*" (**Kollez. Vol. XXVII P III p 503**);

Bla dubju wkoll huwa l-kreditur ta' l-obbligazzjoni li ghandu jipprova l-ezistenza ta' l-inadempiment imma una volta li tkun saret tali prova "jaqa' fuq id-debitur il-piz li jipprova li dak l-inadempiment kien dovut ghal xi haga barranija li taghha hu ma kienx responsabbli, jigifieri li hu ma kellux htija billi mexa bid-diligenza tal-*bonus paterfamilias.* Jekk dik il-prova ma ssirx, id-debitur ikun fi htija, u jidhol responsabbli ghad-danni" (**Kollez. Vol. XXXIX P II p 585**);

Jidher li din l-enuncjazzjoni tal-principju hi bazata fuq il-provvedimenti tar-regoli generali tad-dritt stabbiliti ghall-"Effetti ta' l-Obbligazzjonijiet" fil-Kodici Civili, senjatament l-Artikoli 1132 (1) u 1133 tieghu;

Dan premess, din il-Qorti tibda biex tiddenota illi fl-ezekuzzjoni tax-xoghol ta' installazzjoni tal-*platform lift* is-socjeta` konvenuta kienet tenuta twettaq il-prestazzjoni taghha fiz-zmien pattwit u, fuq kollox, b' dik id-diligenza

tal-*bonus paterfamilias*, komprensiva tal-konoxxenza u l-ezekuzzjoni tar-regoli teknici proprji ta' l-arti spettati minnha f' xoghol bhal dan. Dan b' mod li tassikura illi dak l-adempiment taghha ma jarrekax hsara lill-atturi li inkarigawha. Fuq ir-rivalutazzjoni taghha tal-provi hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi mill-punto di vista tekniku, fuq ir-rapport tal-Perit Amadeo Mifsud (fol. 2) u d-deposizzjoni tieghu (fol. 49), il-*lift* installat "*is not of the correct size to fit properly on the staircase in question*". Dan hu hekk dovut ghall-"*inaccurate survey of the staircase*". Hemm mankanza ohra riskontrata li gabet difformita` fl-opra ghall-iskop intiz. Dik, cjoe, illi preventivament ma ttiehed l-ebda qies tal-*wheelchair* li kellu jintuza ghat-trasport ta' omm l-atturi fil-livell superjuri tal-fond. Maghdud ma' dan hemm il-hsarat ivverifikati fl-irham tat-tarag u li, skond l-opinjoni ta' l-Arkitett imsemmi, "kienu esagerati ghal dan it-tip ta' xoghol" (fol. 49). Hsarat dawn li baqghu mhux ikkontestati mis-socjeta` appellanti, anke ghar-rigward tal-fehma tax-xhud Ronnie Portelli (fol. 47) li, b' riferenza ghall-istima tieghu (fol. 42), iddikjara li l-irham kien danneggjat b' tali mod li kellu jinbidel kollu kemm hu. F' dawn ic-cirkostanzi jkollu jinghad illi c-censura tas-socjeta` appellanti tan-nuqqas ta' sostenn ta' perizja fir-rigward hi ghal kollox ingustifikata;

F' dan il-kwadru ma jistax ragonevolment jinghad li x-xoghol li sar kien wiehed utli jew idoneju skond l-arti u s-sengha. Fuq kollox, is-socjeta` appellanti ma rnexxilhiex tikkonvinci illi l-inadempjenza riskontrata kienet dovuta ghal xi kawza estranea jew minhabba xi inadempjenzi prevalenti ta' l-atturi. Anzi din il-Qorti tara li l-kolpa taghha u l-gravita` ta' din tidderivi proprju mill-entita` tad-diligenza minnha vjolata, kif superjorment espost. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti twarrab il-konkluzjoni tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra tal-Qorti ta' l-ewwel grad, din il-Qorti tirrespingi l-appell devolut lilha u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------